# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.5

## Kap 9: Il-familja kbira tiegħi.

## Lezzjoni 9.5: Il-parabboli ta' żmienna

### L-Għanijiet:




**L-istudenti:**

1. Jirrevedu x'inhuma l-parabboli.
2. Jagħrfu għalfejn Ġesù kien jużahom fit-tagħlim tiegħu.
3. Jitgħallmu u janalizzaw li l-parobboli ta' żmien Ġesù għandna bħalhom illum ukoll.

### Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:



- Il-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb
[http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI](http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI)

- **Worksheet 10.5**

- Kanzunetta: "My Hands"
[http://www.youtube.com/watch?v=DJG8vuuB-OA](http://www.youtube.com/watch?v=DJG8vuuB-OA)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti jekk jafux xi tfisser il-kelma "Parabbola".
- Ikteb dak li jgħidu l-istudenti fuq il-board.
- Spjega li "parabbola" hija storja li kien jirrakkonta Ġesù biex iwassal xi tagħlima importanti.
- Staqsi:
  - *Tafu ssemmu xi parabboli li rrakkonta Ġesù?*



- Fil-lezzjoni tal-lum ser nisimgħu u niddiskutu waħda minn dawn il-parabboli ta' Ġesù dwar is-Sammaritan it-Tajjeb.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-videoclip dwar il-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb.

   http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI

2. Wara li jisimgħu l-istorja staqsi:



   - *Fejn kien sejjer ir-raġel tal-parabbola?*
   - *Xi ġralu fit-triq?*
   - *Min għadda minn dik it-triq? X'għamlu?*
   - *Għaliex taħsbu li l-qassis u l-levita ma waqfux jgħinu lir-raġel?*
   - *X'għamel is-Sammaritan?*
   - *X'ried jgħallem Ġesù permezz ta' din il-parabbola?*

3. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.5 u spjega s-silta mogħtija.
4. Iddiskuti Attività 1 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti l-istorja mogħtija.
5. Aqra Attività 2 u ddiskuti fuq bażi ta' klassi l-kliem li jrid jidħol f'kull sentenza.
6. Iddiskuti Attività 3 u enfasizza l-importanza li lil Alla ngħidulu grazzi ta' dak kollu li tana.
7. Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta "My Hands"

   http://www.youtube.com/watch?v=DJG8vuuB-OA
8. Ara x'ikunu kitbu t-tfal u stedinhom jaqsmu t-talb tagħhom ma' xulxin kemm jista' jkun.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù spiss kien iħobb jirrakkonta l-istejjer waqt li jkun qed jgħallem lin-nies.
2. Dawn l-istejjer ta' Ġesù nsejħulhom parabboli u permezz tagħhom Ġesù kien dejjem iwassal xi tagħlima importanti.
3. Permezz tagħha Ġesù jgħallimna kif aħna għandna nuru ħniena u ngħinu lil kull min narawh fil-bżonn.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jħossu l-bżonn li jagħrfu lilhom infushom biex jagħrfu li hemm bżonn li jkunu ta' għajnuna u eżempju tajjeb għall-oħrajn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Il-clip "My Hands"
  http://www.youtube.com/watch?v=DJG8vuuB-OA
- Il-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb
  http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI



## Nitolbu

Mulej Ġesù, bil-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb urejtna min hu tassew il-proxxmu tagħna. Għinna nkunu bħas-Sammaritan it-Tajjeb billi nagħrfu nkunu ta' għajnuna lejn kull min ikollu bżonn. Ammen.

